

**Avviż għall-attenzjoni ta' ċerti persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fl-Anness I għad-  
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2074 u fl-Anness IV għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2063  
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela**

(2020/C 325/05)

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tas-Sur Alexis Enrique Escalona Marrero (Nru 22), is-Sur Rafael Antonio FRANCO QUINTERO (Nru 23), is-Sur Alexander Enrique GRANKO ARTEAGA (Nru 24), is-Sur José Adelino ORNELAS FERREIRA (Nru 26) u s-Sur José Gregorio Noriega FIGUEROA (Nru 36), persuni li jidhru fl-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2074 <sup>(1)</sup> u fl-Anness IV għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2063 <sup>(2)</sup> dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela.

Il-Kunsill biħsiebu jżomm il-miżuri restrittivi kontra l-persuni msemmija hawn fuq b'dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet ġodda. Dawk il-persuni huma b'dan infurmati li jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill biex jiksbu d-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet għaż-żamma tad-deżinjazzjoni tagħhom, sa mhux aktar tard mit-12 ta' Ottubru 2020, fl-indirizz li ġej:

Council of the European Union  
General Secretariat  
RELEX.1.C  
Rue de la Loi/Wetstraat 175  
1048 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

indirizz elettroniku: [sanctions@consilium.europa.eu](mailto:sanctions@consilium.europa.eu)

Il-persuni kkonċernati jistgħu fi kwalunkwe ħin jippreżentaw talba lill-Kunsill, flimkien ma' kwalunkwe dokumentazzjoni ta' appoġġ, li d-deċiżjoni biex jiġu inklużi u jinżammu fuq il-lista għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz ipprovdut hawn fuq. Tali talbiet ikunu kkunsidrati meta jiġu riċevuti. F'dan ir-rigward, qed tingiebed l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati għar-rieżami regolari mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074.

<sup>(1)</sup> ĠUL 295, 14.11.2017, p. 60.

<sup>(2)</sup> ĠUL 295, 14.11.2017, p. 21.